# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 26 ta' Settembru, 2019**

**Kawża Nru 16**

**Rik. Nru. 536/11JRM**

Carmel *sive* Carmelo **GRIXTI**

vs

**DIRETTUR ĠENERALI (DIVIŻJONI SERVIZZI TAS-SAĦĦA)**, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità, Joseph Barbieri Direttur Riżorsi Umani u Amministrazzjoni fil-Ministeru għas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità, Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi, u b'degriet tal-4 ta' Awissu, 2011 ġie msejjaħ fil-kawża t-Tabib Ewlieni tal-Gvern

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-3 ta' Ġunju, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) ssib l-egħmil tal-imħarrkin, jew min minnhom, li jittrasferuh minn xogħol fi sptar għal xogħol fi sptar ieħor sar b'abbuż u b'irregolaritajiet li jmorru kontra l-liġi u jikkostitwixxu ksur tal-artikolu 469A(1)(a) billi ma ġiex rispettat l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta; huwa aġir ultra vires skond l-artikolu

469A(1)(b)(i)(ii)(iii), u (iv) billi dan l-egħmil twettaq minn awtorità pubblika li ma kinetx awtorizzata sabiex twettqu u l-istess imħarrkin, jew min minnhom, naqsu milli jħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet mandatorji fit-twettieq ta' l-għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil, u/jew għaliex l-għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż/setgħa ta' l-awtorità pubblika billi dan sar għal għanijiet mhux xierqa w issejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, billi tali trasferiment ma ngħatax minħabba l-eżiġenza ta' xogħol, u jew l-għemil amministrattiv mar mod ieħor kontra l-liġi; (b) jekk ikun il-każ, tordna fi żmien qasir u perentorju lill-istess imħarrkin, jew min minnhom, sabiex jirrevedu u jirriformaw id-deċiżjoni tagħhom u dan billi jħassru dan it-trasferiment u jqiegħdu lill-attur fil-post tax-xogħol li kien fih direttament qabel dan it-trasferiment; u (ċ) issib li fin-nuqqas li l-imħarrkin, jew min minnhom, jagħmlu dak lilhom ordnat fit-tieni talba, għandu jiġi meqjus li dan it-trasferiment m'għandu ebda siwi u li l-attur jista' jerġa' jibda jaħdem fil-post tax-xogħol u fl-istess kundizzjonijiet li kien fihom direttament qabel dan it-trasferiment. Talab ukoll l-ispejjeż tal-protest ġudizzjarju u żamm sħiħ il-jedd tiegħu għal kull azzjoni oħra spettanti lilu;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ġunju, 2011[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attur dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tiegħu;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-28 ta' Ġunju, 2011, li biha s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u Joseph Barbieri (bħala Direttur tar-Riżorsi Umani u Amministrazzjoni fi ħdan l-istess Ministeru) laqgħu billi, preliminarjament, qalu li (a) m'humiex il-leġittimi kontradittur billi ħadd minnhom m'għandu r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa; (b) l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ billi t-trasferiment tal-attur ma sarx bħala miżura dixxiplinarja, imma biss minħabba l-ħtiġijiet tas-servizz; (ċ) l-għemil tal-imħarrkin ma huwiex '*ultra vires*' billi l-Amministrazzjoni tad-Dipartiment għandha kull jedd kif ukoll obbligu li ċċaqlaq impjegati minn post għal ieħor skond kif jiddettaw iċ-ċirkostanzi, għaldaqstant l-artikolu 469A ma jgħoddx għal każ bħal dak tal-attur; (d) l-artikolu 469A ma jgħoddx għall-każ lanqas għaliex il-miżura attakkata mill-attur ma tikkostitwix "għemil amministrattiv" skond l-istess artikolu; (e) ma hemm ksur ta' ebda prinċipju ta' ġustizzja naturali billi t-trasferiment ta' impjegat minn post għal ieħor mhix deċizjoni ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, u kull ċaqlieq huwa ntiż li jassigura l-użu tal-ħiliet ta' l-impjegati għall-ġid ta' min ikun qed jirċievi s-servizz. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, mhux mogħti li titressaq talba sabiex din il-Qorti tissostitwixxi deċiżjoni amministrattiva b'waħda tagħha;

[1] Paġ 11 – 2 tal-proċess

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fil-11 ta' Lulju, 2011, li biha l-imħarrka Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi laqgħet għall-azzjoni billi qalet li ma kenitx il-leġittima kontradittriċi tal-azzjoni attriċi billi m'għandha ebda rabta ġuridika mal-attur u ma kellha x'taqsam xejn mad-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu minn post tax-xogħol għal ieħor, u għalhekk talbet li tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju bi spejjeż għall-istess attur;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Awwissu, 2011[2] li biha laqgħet talba magħmula mill-attur b'rikors tiegħu tas-6 ta' Lulju, 2011, u ordnat is-sejħa fil-kawża tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2011[3], li biha ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistenta Ġudizzjarja biex tisma' l-provi tal-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Novembru, 2011[4]t-Talba tal-11 ta' Novembru, 2011[5], li biha laqgħet talba magħmula mit-Tabib Ewlieni tal-Gvern b'rikors tiegħu tal-11 ta' Novembru, 2011, biex jitħalla jressaq Tweġina Maħlufa minkejja li kien laħaq għadda ż-żmien mogħti lilu mil-liġi biex jagħmel dan;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fit-18 ta' Novembru, 2011, li biha l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern laqa' għall-azzjoni attriċi billi tenna l-istess eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrkin Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità, u Joseph Barbieri, għajr għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali mressqa quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat il-verbal tas-smiegħ tat-3 ta' Mejju, 2017[6], quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, u dak tat-23 ta' Mejju, 2017[7], quddiem din il-Qorti, li fih il-partijiet qablu li jittrattaw il-kawża bil-miktub;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa mill-attur fit-28 ta' Lulju, 2017[8];

---

[2] Paġ. 23 tal-proċess
[3] Paġ. 35 tal-proċess
[4] Paġ. 61 tal-proċess
[5] Paġ. 60 tal-proċess
[6] Paġ. 321 tal-proċess
[7] Paġ. 326 tal-proċess
[8] Paġġ. 327 sa 341 tal-proċess

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa fil-5 ta' Settembru, 2017[9] mill-imħarrkin Direttur Ġenerali (Diviżjoni Servizzi tas-Saħħa), Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Konunità, u Joseph Barbieri Direttur Riżorsi Umani u Amministrazzjoni fil-Ministeru tas-Saħħa, bi tweġiba għal dik ta' l-attur;

Rat li l-Fondazzjoni mħarrka u l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern, baqgħu ma ressqu ebda nota ta' sottomissjonjiet fiż-zmien mogħti lilhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur huwa infermier reġistrat u jilmenta minn trasferiment li qala' f'April, 2011 mill-Isptar *Mater Dei* għall-Isptar *Monte Carmeli* għax jgħid li dan sar b'kastiga jew miżura dixxiplinari fuq fatti li ġraw fil-kors tal-impieg tiegħu u li ma kellu x'jaqsam xejn magħhom. Irid li l-Qorti ssib li dak it-trasferiment sar b'mod abbużiv, bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġijiet proċedurali mandatorji, u li ttieħdu minn awtorità li ma kellhiex jedd twettaq dik id-deċizjoni;

Illi għal din l-azzjoni, l-Fondazzjoni mħarrka laqgħet billi qalet li ma kellha x'taqsam bl-ebda mod mat-trasferiment jew mat-teħid tad-deċizjoni li dan isir, u l-anqas kellha xi rabta ġuridika mal-attur, għalhekk talbet li tinħeles milli tibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur;

Illi min naħa l-oħra, l-imħarrkin Direttur Ġenerali, Segretarju Permanenti, Joseph Barberi u l-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern laqgħu b'eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. L-eċċezzjonjiet preliminarji kienu jgħidu li t-trasferiment ma kienx motivat minn proċedura ta' dixxiplina għaldaqstant l-artikolu 110(1) tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli; l-għemil tagħhom ma huwiex '*ultra vires*' billi l-Amministrazzjoni tad-Dipartiment għandha kull jedd kif ukoll obbligu li ċċaqlaq impjegati minn post għal ieħor skond il-ħtiġijiet tas-servizz, kif ukoll li l-miżura attakkata mill-attur ma tikkostitwix "għemil amministrattiv", għaldaqstant l-artikolu 469A wkoll ma japplikax. Żiedu jgħidu li ma tistax titressaq talba sabiex din il-Qorti

[9] Paġġ. 344 sa 362 tal-proċess

tissostitwixxi deċiżjoni amministrattiva b'waħda tagħha, kif ukoll li l-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija li tissindika dak l-operat li jinkwadra fid-definizzjoni ta' "egħmil amministrattiv" u mhux tbiddel deċiżjoni b'tagħha. Qalu wkoll (bl-eskluzzjoni għat-Tabib Ewlieni tal-Gvern) li m'humiex il-leġittimi kontraditturi billi ħadd minnhom m'għandu r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa. Fil-mertu lkoll laqgħu li ma hemm ksur ta' ebda prinċipju ta' ġustizzja naturali billi t-trasferiment ta' impjegat minn post għal ieħor mhix deċizjoni ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, u kull ċaqlieq huwa maħsub li jassigura l-aħjar użu tal-ħiliet ta' l-impjegati għall-ġid ta' min ikun qed jirċievi s-servizz;

Illi bħala <u>fatti relevanti</u> illi joħorġu minn din il-kawża jirriżulta illi l-attur huwa infermier. Ilu jaħdem fi sptar tal-Gvern sa mis-sena 1978. Fis-sena 1995 ġie maħtur bħala *Departmental Nursing Manager* (DNM) fi sptar pubbliku (Sptar *Sir Paul* Boffa) u fl-1999 ntbagħat jaħdem f'dik il-kariga fit-teatri fejn isiru l-operazzjonijiet fl-Isptar *Mater Dei*[10];

Illi f'Mejju tas-sena 2010, qam każ fejn mit-Teatri tal-Operazzjonijiet f'*Mater Dei* naqsu għadd ta' pakketti b'mediċini fihom li kienu jintużaw waqt l-operazzjonijiet. L-attur, flimkien ma' xi impjegati oħra li jaħdmu f'din it-taqsima, intalbu jersqu quddiem bord ta' inkjesta interna maħtura taħt l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi maħtur sabiex jinvestiga dan il-każ[11]. L-attur kien fost il-persuni li l-bord sejjaħ biex jagħti x-xhieda tiegħu. Il-Bord ħareġ ir-rapport fid-9 ta' Diċembru, 2010[12]. Mill-konkluzzjonijiet tal-inkjesta jirriżultaw numru ta' nuqqasijiet amministrattivi, iżda ma nstabet ħtija f'ebda impjegat partikolari għal dak li ġara[13];

Illi fl-1 ta' April, 2011, l-attur issejjaħ fl-uffiċju tad-Direttur tal-Infermiera u ngħata l-aħbar li ġie trasferit sabiex jagħti s-servizz tiegħu fl-Isptar *Monte Carmeli* b'seħħ immedjat. Fil-fatt beda jaħdem f'dak l-Isptar fl-4 ta' April, 2011[14]. Fl-istess jum ġie trasferit ukoll *Nursing Officer* ieħor għar-Residenza San Vinċenz de Paule[15];

Illi fl-14 ta' April, 2011[16], l-attur ntalab irodd lill-Isptar *Mater Dei* l-'*badge*' tal-identità u l-permess tal-parkeġġ;

Illi jirriżulta wkoll li ftit tax-xhur qabel, kienet inbidlet id-Direttriċi tan-Infermiera li wriet ix-xewqa li s-*senior management* jinbidel u ma jibqax

[10] Ara x-xhieda ta' l-attur mogħtija in kontro eżami f'paġ. 178 – 9 tal-proċess
[11] Ara affidavit ta' l-attur f'paġġ. 43 – 4 tal-proċess
[12] Dok. "JS" f'paġġ. 134 sa 140 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta' Jesmond Sharples f'paġ. 84 tal-proċess. l
[14] Ara x-xhieda ta' l-attur f'paġ. 43 tal-proċess
[15] *Ibid* paġ. 44 tal-proċess
[16] Ara Dok. "A" f'pap. 10 tal-proċess

jaħdem fl-istess taqsima[17]. Filwaqt li s-*senior management* l-oħrajn għażlu huma fejn ser imorru jaħdmu, meta l-attur talab li jiġi trasferit għar-Residenza ta' San Vincenz de Paul fejn kien hemm post battal, il-post tħalla vojt u t-talba ta' l-attur ma ntlaqgħetx[18]. Ma jirriżultax li qabel ma ngħata t-trasferitment l-attur, kienet inħarġet sejħa sabiex jimtela xi post battal fl-Isptar *Monte Carmeli*;

Illi mill-provi ħareġ ukoll li l-attur ma ngħata ebda raġuni għaliex ġie trasferit. Ma rċieva ebda twissija fuq xogħol 'ħażin' li seta' għamel. Huwa jgħid li lanqas kien jaf li kien qed jiġi nvestigat għaliex huwa tressaq quddiem il-Bord tal-Inkjesta biss bħala xhud[19]. Min-naħa l-oħra, ċ-*Chairperson* tal-Bord stqarr mal-uffiċjal responsabbli mit-trasferimenti, li t-trasferiment ta' l-attur kien dovut għan-nuqqasijiet etiċi li rriżultaw mill-inkjesta[20]. Minkejja dan, ebda passi dixxiplinarji ma ttieħdu kontra l-attur[21];

Illi fil-5 ta' Mejju 2011[22], l-attur ressaq protest ġudizzjarju kontra l-awtoritajiet u talabhom sabiex iħassru t-trasferiment tiegħu. L-awtoritajiet wieġbu għal dan il-protest u ċaħdu kull xilja ta' aġir mhux xieraq[23];

Illi fit-3 ta' Ġunju, 2011, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi matul iż-żmien li kienet qiegħda tinstema' l-kawża, sewwasew fl-20 ta' Mejju 2013[24], l-attur reġa' mar lura jaħdem fl-Isptar *Mater Dei* u qed jaħdem fid-*Day Care Unit*[25];

Illi l-Qorti sejra tibda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' bixra legali</u> dwar il-każ billi, qabel xejn, tisħarreġ **l-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Fondazzjoni mħarrka**. Biha l-Fondazzjoni tgħid li m'għandha ebda relazzjoni ġuridika mal-attur u ma kellha x'taqsam xejn mal-għoti tat-trasferiment;

Illi l-Qrati jgħallmu illi sabiex ikun stabbilit jekk parti f'kawza hijiex jew le l-leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk '*prima facie'* il-persuna imħarrka kinitx materjalment parti mit-trattativi li skond l-attur ħolqu r-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, u li jwasslu biex inħolqu rabtiet fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom[26];

---

[17] Ara x-xhieda ta' Jesmond Sharples f'paġ. 83 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Paul Pace f'paġ. 160 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Paul Pace f'paġġ. 161 – 2 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda ta' l-attur paġġ. 47u 145 – 6 tal-proċess
[20] Ara x-xhieda ta' Dennis Tanti f'paġ. 54 tal-proċess
[21] *Ibid* paġ. 56 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "DT" f'paġġ. 119 – 121 tal-proċess
[22] Paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[23] Ara Dok. "BG1" f'paġġ. 19 – 20 tal-proċess
[24] Dok "MB7A" f'paġ. 293 tal-proċess
[25] Ara x-xhieda ta' l-attur mogħtija fil-kontro eżami f'paġġ. 179 – 180 tal-proċess
[26] Appell Civ. **5.10.2001**, fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***

Illi mill-provi ħareġ illi l-attur ma kienx impjegat mal-Fondazzjoni mħarrka u għaldaqstant kwalunkwe ordni ta' trasferiment li seta' nħareġ dwar l-attur ma setax inħareġ mill-Fondazzjoni mħarrka għaliex din ma kellha ebda setgħa fuq l-attur. L-anqas ma ntwera li l-Fondazzjoni kienet imdaħħla b'xi mod fil-proċedura ta' investigazzjoni li ttieħdu kontra l-attur u oħrajn;

Illi għaldaqstant ma jirriżultax mid-daqqa t'għajn li kien hemm xi rabta ġuridika bejn l-attur u l-Fondazzjoni mħarrka. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma illi l-eċċezzjoni mressqa mill-Fondazzjoni mħarrka hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa';

Illi l-Qorti se tgħaddi biex tistħarreġ **l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa mill-imħarrkin**. Biha huma jgħidu li mhumiex il-leġittimi kontraditturi tal-azzjoni attriċi billi ħadd minnhom m'għandu r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa. Filwaqt li huwa minnu li r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa ssejjaħ lill-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern, bħalma ngħad aktar qabel fir-rigward tal-eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Fundazzjoni mħarrka, jeħtieġ li jiġi mistħarreġ jekk f'dak li ġara u li dwaru l-attur ressaq din il-kawża kienx hemm mid-daqqa t'għajn relazzjoni bejn l-attur u l-imħarrkin l-oħra fil-kawża;

Illi l-ilment ta' l-attur fir-rigward tal-imħarrkin Direttur Ġenerali, Segretarju Permanenti u Direttur Riżorsi Umani u Amministrazzjoni huwa marbut mal-fatt li dawn ħadu, ħallew li jsir jew wettqu d-deċiżjoni meħuda biex hu jingħata t-trasferiment meta hu qatt ma kien talbu, u meta ma kien hemm lok li jittieħdu ebda passi dixxiplinarji kontrih;

Illi mix-xhieda u mid-dokumenti mressqa quddiemha, lill-Qorti jirriżultalha li d-Direttur Ġenerali approva rakkomandazzjoni sabiex l-attur jiġi trasferit[27], filwaqt li s-Segretarju Permanenti ntalab jindirizza lmenti mressqa mill-Union tal-Infermiera li fit-trasferiment tal-attur, ġew miksura regolamenti li jistabbilixxu l-mod kif kellhom jinħolqu jew jimtlew postijiet battala[28]. Għar-rigward tad-Direttur Riżorsi Umani u Amministrazzjoni jidher li l-indħil tiegħu f'din il-ġrajja kien billi ikkupjawh biss bil-komunikazzjonijiet elettroniċi li ntbagħtu tul il-kwestjoni[29] u ma tressqet ebda prova oħra ta' xi sehem jew għemil dirett minnu għajr li fil-fatt kellu jattwa d-deċiżjoni meħuda minn dawk ta' fuqu;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qorti tqis li d-Direttur Ġenerali (Divizjoni Servizzi tas-Saħħa) u s-Segretarju Permenenti fil-Ministeru

[27] Ara Dok. "DT" f'paġ. 120 tal-proċess
[28] Ara Dok. "PP1" f'paġġ. 155 – 8 tal-proċess
[29] Dok "DT" f'paġ. 119 tal-proċess

għas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità imisshom jibqgħu bħala partijiet f'din il-kawża sakemm hija tistħarreġ l-ilment tal-attur. Għalhekk, l-eċċezzjoni tagħhom ma jmisshiex tintrabat biss mar-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa w it-tħaddim litterali tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-Qorti tqis li d-Direttur Ġenerali u s-Segretarju Permanenti mħarrka għandhom l-interess ġuridiku bħala kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tal-attur;

Illi l-Qorti sejra tqis **ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrkin u t-tieni eċċezzjoni tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern**, li jgħidu li l-miżura attakata ma tikkostitwix "għemil amministrattiv" skond id-disposizzjoni tal-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Din l-eċċezzjoni ddur mal-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-ilment tal-attur li jirrigwarda t-trasferiment tiegħu minn istituzzjoni għal oħra tal-istess Dipartiment tas-Saħħa u l-mod li bih sar dak it-trasferiment. Il-Qorti tqis li l-attur għażel li tressaq il-kawża tiegħu speċifikatament taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili, li hija azzjoni meqjusa bħala waħda ta' proċedura speċjali dwar stħarriġ tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika;

Illi s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdien li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha;

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami trid sewwasew li din il-Qorti ssib li ma tistax tistħarreġ l-ilment tal-attur minħabba impediment li tqiegħed il-liġi fuq ix-xorta ta' għemil li l-istess attur jilmenta minnu. Il-liġi tfisser x'għandu jitqies bħala "egħmil amministrativ" fis-subartikolu 2 tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dik il-frażi, l-liġi tifhem "*il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita*"'. L-imħarrkin jisħqu li t-trasferiment ta' uffiċċjal pubbliku minn taqsima għal oħra ta' Dipartiment taqa' fit-tifsira ta' "*ħaġa li ssir bil-għan ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna*" u għalhekk m'huwiex "*egħmil amministrativ*" kif tifhmu l-liġi biex Qorti jkollha s-setgħa tistħarrġu;

Illi l-Qorti jidhrilha li huwa meħtieġ li wieħed jara safejn jista' jingħad li għemil amministrativ jaqa' taħt dik it-tifsira ta' organiżżazzjoni jew

amministrazzjoni interna fi ħdan awtorità pubblika. Fin-nuqqas ta' tifsira fil-liġi ta' x'jaqa' taħt il-kappa ta' "*organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna*" fi ħdan awtorità pubblika, wieħed irid idur għat-tifsir li jista' jingħata mill-awturi jew mill-ġurisprudenza. Kemm hu hekk, il-fatt innifsu li dawn il-kliem m'humiex aħjar imfissrin mil-liġi nnifisha jitlob li Qorti tingħata s-setgħa li tistħarreġ jekk il-fatti partikolari marbutin ma' għemil amministrattiv imressaq quddiemha jaqgħux jew le taħt l-imsemmija eċċezzjoni. Hekk wieħed isib li dawk il-kliem kienu meqjusa li jirreferu għal każijiet li jirrigwardaw trasferimenti ta' uffiċjali pubbliċi minn dipartiment tal-Gvern għal ieħor, jew l-għażla tal-post fejn uffiċjal pubbliku jintbagħat jaħdem[30];

Illi fid-duttrina l-atti magħmula bil-għan ta' organiżżazzjoni jew tmexxija interna fi ħdan xi awtorità pubblika jirreferu w jillimitaw irwieħhom għal dawk il-miżuri meħuda biex l-istess awtorità żżomm ċerta ordni fit-tmexxija tagħha ta' kuljum. B'dan li fejn tali miżura tilħaq ċerta livell fejn tolqot drittijiet ta' persuni, imbagħad dik il-miżura tidħol fit-territorju ta' għemil amministrativ li dwaru l-Qrati jistgħu jinqdew bis-setgħa tagħhom li jistħarrġu[31];

Illi l-Qorti tagħraf li l-kwestjoni li fuqha tinbena l-azzjoni tal-attur hija waħda dwar il-mod kif ingħata t-trasferiment minn taqsima għal oħra. L-attur jikkontesta il-mod arbitrarju li bih seħħ it-trasferiment. Il-fatt li għemil bħal dan ikun iġorr miegħu apprezzament daqstant suġġettiv minn min ikun imsejjaħ biex jagħmel l-għażliet meħtieġa, ma jissarrafx waħdu f'setgħa awtomatika li Qorti, jekk tintalab minn xi ħadd aggravat b'tali proċess, tistħarreġ x'ikun sar f'għemil bħal dak. Dan għaliex wieħed irid jara jekk l-għemil fih innifsu huwiex maħsub għall-organiżżazzjoni jew it-tmexxija interna tal-awtorita' pubblika li tkun għamlitu, jew jekk ikunx immotivat minn xi għan ieħor;

Illi, b'żieda ma' dan, hija l-fehma sħiħa ta' din il-Qorti li meta jitressaq quddiemha każ ta' stħarriġ ġudizzjarju li dwaru titqajjem eċċezzjoni bħal din, ikun pass għaqli li tqis mhux biss l-għemil kif ikun jidher mad-daqqa t'għajn, imma wkoll x'inhu l-ilment dwar tali għemil. Dan jingħad għaliex jekk l-ilment ikun wieħed dwar użu irraġonevoli ta' xi diskrezzjoni, ksur ta' xi wieħed mill-prinċipji tal-ħaqq naturali, jew saħansitra aġir abbużiv jew lil hinn mis-setgħat mogħtija mil-liġi (jiġifieri għemil *ultra vires*), jaqa' fuq il-Qorti d-dmir li tistħarreġ dak il-każ għaliex il-kwestjoni ma tibqax waħda ta' "sempliċi" organiżżazzjoni jew tmexxija interna, imma waħda li tolqot fil-qalba r-raġuni tal-azzjoni dwar stħarriġ ġudizzjarju tal-att amministrativ li jkun;

---

[30] P.A. JA **30.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Onor. Prim Ministru et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **6.9.2010**)
[31] Brown, Bell & Galabert French Administrative Law (O.U.P. 5th Edit, 2003) paġġ. 158 – 161

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti temmen li dan li ser jingħad jgħin jiċċara l-qagħda applikabbli f'dan l-istadju tal-kawża. Hija tislet minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili[32], u li l-għaref difensur tal-imħarrkin ukoll irreferiet għaliha waqt it-trattazzjoni tagħha, fejn ingħad li "*Normalment impjegat jiġi trasferit minn post għal ieħor ta' xogħol meta l-interessi tas-servizz ikunu jeħtieġu hekk, u għalhekk meta din il-miżura tittieħed għal raġunijiet xierqa ma jistax jingħad li hija forma ta' kastig. Kif sewwa irriteniet l-ewwel Qorti, it-transfer ta' infirmiera minn sptar għal ieħor hija prerogativa tal-konvenut, li pero' bħal kull setgħa pubblika oħra, hija wkoll dmir, u konsegwentement hija setgħa li m'għandhiex tintuża b'mod arbitrarju. Jekk din il-miżura tiġi wżata b'mod arbitrarju u/jew għal skopijiet ulterjuri, hija tista' sservi wkoll bħala forma ta' 'kastig' jew ritorsjoni fuq kwalunkwe impjegat, inkluż uffiċjal pubbliku, sabiex tippunixxi u/jew tumilja lill-uffiċjal pubbliku u/jew tikkrealu tbatija bla bżonn. ... Huwa ovvju li min juża l-miżura ta' transfer bħala kopertura għal kastig ikun irid jaħbi l-fatt li mpjegat/uffiċjal pubbliku ikun qed jiġi de facto kastigat, u aktar milli jikkaġunalu dannu materjali ikun qed jikkaġunalu dannu psikoloġiku. Għalhekk, jekk kemm-il darba jiġi ippruvat li t-transfer in kwestjoni kien fil-fatt kopertura għal kastig, huwa għal kollox irrilevanti li dan it-transfer ma ikkaġuna l-ebda konsegwenza gravi fuq il-karriera tal-attur. ... Il-Qrati ordinarji għandhom ġurisdizzjoni jindagaw jekk trasferiment bħal dak li ngħata lill-appellat kienx verament miżura ta' organiżżazzjoni jew amministrazzjoni interna, u jekk jirriżulta li fil-fatt kien jikkostitwixxi tali miżura, jieqfu hemm, stante li huma preklużi li jissindikaw il-mertu tiegħu. Jekk, pero', min-naħa l-oħra, jirriżulta li fil-fatt ittransfer ma kienx jikkostitwixxi tali miżura, imma kien biss kopertura, jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom ai termini ta' l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12* ";

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti jidhrilha li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li tressaq quddiemha ma jidhirx li dan huwa wieħed mill-każijiet ta' sempliċi organiżżazzjoni interna, imma jqajjem il-ħtieġa ta' stħarriġ lil hinn minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn, stħarriġ li jitwettaq sewwasew f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil amministrattiv bħalma hija din li ressaq l-attur. Għalhekk, ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrkin u t-tieni eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern, m'humiex tajbin u b'hekk mhux ser jintlaqgħu;

Illi l-imħarrkin iressqu bħala **t-tielet eċċezzjoni preliminari** tagħhom dik li **l-Amministrazzjoni tad-Dipartiment għandha l-jedd u l-obbligu li ċċaqlaq impjegati minn post għal ieħor skond l-eżiġenzi li jinħassu minn żmien għal żmien** u għaldaqstant, fi kliem l-imħarrkin, tali għemil ma jista' qatt jasal biex ikun lil hinn mis-setgħat tagħhom ('*ultra vires*');

---

[32] App. Ċiv. **16.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Denis Tanti vs Prim Ministru et***

Illi filwaqt illi hija l-funzjoni tal-Amministrazzjoni ta' Dipartiment li tara fejn l-impjegati tagħha għandhom jagħtu s-servizz tagħhom, kemm taħt is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju in ġenerali u kif ukoll taħt l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju maħsuba fl-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-istħarriġ li tista' tintalab tagħmel din il-Qorti jgħodd għal kull deċiżjoni amministrattiva li b'xi mod tolqot liċ-ċittadin, kemm jekk tkun fis-sura ta' deċiżjoni li torbot, u kif ukoll jekk tkun fis-sura ta' rapport li fuqu l-awtorità pubblika ssejjes id-deċiżjoni aħħarija tagħha. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, b'riħet rapport wara inkjesta interna, ittieħdet id-deċiżjoni kontra l-attur biex jiġi trasferit. L-imħarrkin iressqu l-argument li kien hemm il-ħtieġa ta' tibdil, kif ukoll li nqala' post battal ġewwa l-Isptar *Monte Carmeli* u li nħasset il-ħtieġa li jimtela;

Illi minkejja din is-sottomissjoni, il-Qorti ssibha bi tqila tilqa' dan l-aħħar argument ladarba ma tresqet l-ebda prova f'dan ir-rigward. Il-Qorti tqis li l-imħarrkin, bħala li għandhom fdata f'idejhom it-tmexxija tad-dipartiment, kellhom aċċess għal kull informazzjoni u setgħu ressqu kull dokument li kien jidhirilhom xieraq biex isaħħu t-teżi tagħhom, iżda naqsu li jagħmlu dan. Għaldaqstant, il-Qorti mhix sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni li se tiġi miċħuda bħala mhix mistħoqqa;

Illi **fil-ħames eċċezzjoni kif mressqa mill-imħarrkin u t-tielet eċċezzjoni tat-Tabib Ewlieni mħarrek,** jitqajjem il-punt li **ma jistax ikun hemm ksur ta' prinċipji ta' ġustizzja naturali ladarba d-deċiżjoni biex jiġi trasferit impjegat mhix waħda ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja. Li trasferiment mhux xi dritt ta' impjegat u li d-diskrezzjoni fl-aħħar mill-aħħar hija f'idejn l-amministrazzjoni;**

Illi llum huwa stabbilit li biex jitqies li awtorità tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni li dik l-awtorità tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għat-teħid ta' deċiżjoni li l-istess awtorità tkun ħadet fil-konfront tagħha[33], iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunità li ssemma' leħenha[34], u f'każ fejn il-persuna ma tkun taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunità xierqa li tagħmel l-osservazzjonjiet tagħha[35];

Illi fl-aġir tagħha, awtorità hija mistennija li tagħti trattament indaqs lil kulħadd. Minbarra dan, huwa stabbilit li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna, jeħtieġ jintwera li (a) ikun ingħata lil

---

[33] T.R.A. GV **24.1.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Camilleri vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***
[34] P.A. **29.1..2011** JZM fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel D'Amato et vs. L-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta***
[35] App. Ċiv. **28.6.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Boris Arcidiacono et vs Salvu Schembri et***

dik il-persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħra; (b) jkunu jinsabu fl-istess qagħda jew waħda li tixbaħha; (ċ) t-trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq; u (d) f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[36];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ix-xilja mressqa mill-attur ta' nuqqas ta' smiegħ xieraq u diskriminazzjoni tirriżulta mill-provi mressqa. L-ewwel, tirriżulta li l-ordni ta' trasferiment mogħtija lill-attur hija għal kollox nieqsa minn raġuni li wasslet lill-imħarrkin biex joħorġuha. L-attur, sa qabel il-ftuħ tal-kawża, baqa ma kienx jaf ir-raġuni wara t-trasferiment u baqgħet ma ngħatatlux minkejja li talabha, ukoll b'att ġudizzjarju. Fit-tieni lok, jirrizulta li nħarġet ordni msejsa fuq sejbiet ta' inkjesta mingħajr ma kopja tar-rapport ingħatat lill-attur, u minkejja li l-istess rapport ma ipponta l-ebda swaba' ta' ħtija fuq jew kontra l-attur jew xiħadd partikolari. Fit-tielet lok, għaldaqstant l-attur ma kellux l-opportunità li jgħid il-verżjoni tiegħu tal-fatti qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni li jiġi trasferit. Fir-raba' lok, kien hemm insistenza min-naħa tal-amministrazzjoni biex it-trasferiment tal-attur isir bla dewmien bla ma ntwera li kien hemm raġuni tajba għaliex dan kellu jkun hekk. Fil-ħames lok, anke jekk, għal grazzja tal-argument, kellha tintlaqa' r-raġuni msemmija mill-imħarrkin li kien hemm il-ħtieġa ta' tibdil fl-amministrazzjoni, dan ma jispjegax għaliex, filwaqt li kollegi tal-attur ingħataw l-għażla fejn xtaqu jmorru jaħdmu, l-attur mhux talli rċieva ordni qabel l-oħrajn, talli meta talab għal trasferiment band'oħra, it-talba tiegħu ma ntlaqgħetx. Fis-sitt lok, l-imħarrkin għajr għal dikjarazzjoni li saret minn rappreżentant tagħhom matul is-smiegħ tal-kawża, qajla seħħilhom juru l-ħtiġijiet li kien hemm fl-Isptar *Monte Carmeli* għas-servizz ta' l-attur, meta mit-taħriġ u l-esperjenza mgħoddija tiegħu ma kienx imħarreġ biex jagħmel xogħol li jitlob dak l-Isptar u l-ħiliet li l-attur kellu f'oqsma oħrajn tal-kura. Kemm hu hekk, matul is-smigħ tal-kawża, l-attur reġa' ntbagħat jaħdem fl-Isptar *Mater Dei*;

Illi min-naħa l-oħra, fir-Risposta Maħlufa, l-imħarrkin jistqarru li t-trasferiment ta' l-attur ma sarx wara proċeduri dixxiplinarji u ma kienx maħsub bħala kastig, iżda kien intiż sabiex jassiguraw l-aħjar użu tal-impjegati għal ġid ta' min ikun qed jirċievi s-servizz. Fil-fehma tal-Qorti, ir-raġunijiet mogħtija mill-imħarrkin ma joqogħdux mal-provi li ħarġu waqt is-smigħ tal-kawża. Lanqas ma jidhru li kienu jħarsu l-prinċipji l-iżjed bażilari tal-ħaqq naturali u minħabba f'hekk, l-attur ġie mċaħħad mill-opportunità li jgħid tiegħu qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni jew li jingħata l-istess opportunità bħalma ngħatat lil min suppost kien fl-istess ilma miegħu;

---

[36] Ara P.A. (Kost) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Pace Cole vs Chairman Maltacom plc*** (mhix appellata)

Illi għaldaqstant, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-ħames eċċezzjoni kif mressqa mill-imħarrkin u t-tielet eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni mhumiex mistħoqqa u mhix sejra tilqagħhom;

Illi dan ifisser ukoll li qegħda ssib li l-attur seħħlu juri li l-**ewwel talba attriċi** hija tajba u jistħoqqilha tintlaqa' billi jirriżulta li d-deċiżjoni li huwa jintbagħat jaħdem fi sptar ieħor kienet waħda bi ksur tal-liġi;

Illi għal dak li jirrigwarda t-**tieni talba attriċi**, din hija konsegwenzjali għat-talba ta' qabilha. Madankollu, minħabba li, matul is-smigħ tal-kawża, l-attur reġa' ntbagħat jaħdem fl-Isptar *Mater Dei*, il-mertu tagħha jidher li llum huwa eżawrit u l-Qorti ma fadlilha l-ebda rimedju jew provvediment ieħor x'tagħti aktar milli tiddikjara li d-deċiżjoni meħuda ma tiswiex. Fuq kollox, f'azzjoni bħalma hija din ta' stħarriġ ġudizzjarju, jekk jirriżulta li xi għemil amministrattiv sar bi ksur tal-liġi, il-Qorti l-aktar li tista' tagħmel hu li ssib li dak l-għemil ma jiswiex u tħassru: imma, kif sewwa jissottomettu l-imħarrkin u l-imsejjaħ fil-kawża, il-Qorti ma tistax tassumi s-setgħat tal-awtorità pubblika li tkun u twettaq hi l-għemil amministrattiv korrett minflok l-imsemmija awtorità;

Illi f'dan id-dawl, il-Qorti tqis li safejn it-**tielet talba attriċi** titlob li l-Qorti tistabilixxi l-post u l-kundizzjonijiet li fihom l-attur għandu jintbagħat jaħdem, din it-talba tmur lil hinn mis-setgħat li għandha l-Qorti f'azzjoni bħal din. Madankollu, id-dikjarazzjoni li se ssir fil-parti dispożittiva ta' din is-sentenza dwar it-tieni talba għandha tkun biżżejjed għall-awtorità kompetenti li tgħinha tirregola ruħha kif jixraq fil-konfront tal-attur;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Fondazzjoni mħarrka** u ssib li ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnha u bejn l-attur, u għaldaqstant qiegħda teħles lill-istess Fondazzjoni mħarrka mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-attur;

**Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrkin fil-konfront tad-Direttur Riżorsi Umani u Amministrazzjoni fil-Ministeru għas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità** billi m'hijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra** kollha tal-imħarrkin u tal-imsejjaħ fil-kawża Tabib Ewlieni tal-Gvern bħala mhumiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** billi jirriżultalha li l-għemil amministrattiv jikser l-artikolu 469A (1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** billi tiddikjara ma jiswiex l-ordni ta' trasferiment tal-1 ta' April, 2011, maħruġ mid-Direttur imħarrek, u li l-attur għandu jerġa jitqiegħed minnufih fil-qagħda li kien jokkupa sa dakinhar li nħareġ l-imsemmi ordni;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba attriċi** billi dak li kellha tipprovdi dwarha joħroġ minn dak li ordnat fit-tieni talba; u

**Tordna** li **l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-imħarrkin u mill-imsejjaħ fil-kawża flimkien bejniethom, ħlief għal dawk relattivi għall-Fondazzjoni mħarrka, li għandu jerfagħhom l-attur.

**Moqija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Settembru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**26 ta' Settembru, 2019**